**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA SEKONDARJA 2005**

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

| IR-RABA' SENA | STUDJI SOĊJALI | ĦIN: SIEGĦA U NOFS |
|---|---|---|

Isem: ______________________________ Klassi: ______________

## A. Imla bil-kliem mil-lista.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| bidla soċjali | politika | individwi | konflitt | relazzjonijiet |
| ugwaljanza | xogħol domestiku | ekonomija | separazzjoni | kultura |

1. Fiż-żminijiet tal-lum il-mara jista' jkollha iżjed minn rwol wieħed u mhux biss li tagħmel______________________.
2. Il-______________________hija programm ta' tmexxija li joffri partit politiku meta joħroġ għall-elezzjoni.
3. Il-Mass Media ġabet ______________________kbira fis-soċjeta' Maltija, kif ukoll madwar id-dinja.
4. Is-setturi li fuqhom hija mibnija l-______________________li tipprovdi għall-għixien tagħna lkoll, huma tlieta.
5. Issa wasalna fi żmien meta hemm bżonn ______________________ta' l-iskart bejn ħġieġ, karti, fdal domestiku u plastik.
6. Ilkoll inħossu l-bżonn li nibnu ______________________ma' dawk ta' madwarna.
7. Hija ħaġa normali li kultant jinqala' xi ______________________fis-soċjeta' imma din hi ħaġa normali għax ma jistax ikun li naqblu f'kollox.
8. Għalkemm aħna lkoll ______________________, jiġifieri bi ħsibijiet, idejat u rieda personali, xorta nħossu l-bżonn li ngħinu lil xulxin.
9. Għalkemm fattur importanti fil-______________________ tagħna l-Maltin hija r-Reliġjon Nisranija, mhux dejjem nuru rispett li jixraq fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-festi tagħna.
10. L-______________________ bejn is-sessi ma tfissirx li jsiru l-istess, iżda li jkollhom opportunitajiet indaqs.

**(1x10=10 marki)**

## B. Qabbel flimkien billi tagħmel numru fil-kaxxa. (2x5=10 marki)

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | bidla soċjali | | relazzjonijiet bejn il-bnedmin fil-familja u fuq ix-xogħol |
| 2. | konflitt soċjali | | kif jitmexxa l-qasam soċjali (xogħol, pensjonijiet, bini ta' djar) |
| 3. | ambjent soċjali | | mogħtija mis-soċjeta' bħala għajnuna (eż. 'allowance') |
| 4. | servizz soċjali | | programm ta' ħidma politika dwar kif jitmexxa l-pajjiż |
| 5. | politika soċjali | | nuqqas ta' ftehim bejn gruppi fis-soċjeta' |

## Ċ. <u>Aqra din is-silta u ikteb sentenza bil-kliem li għandhom sing taħthom biex tfissirhom:</u>

Waħda mill-akbar problemi f'pajjiżna hija **<u>s-separazzjoni ta' l-iskart</u>**. Dan għaliex lkoll nifhmu li **<u>t-tniġġis</u>** huwa ħażin. Għalhekk hemm bżonn ta' **<u>riċiklaġġ</u>** u li nnaqqsu mill-ħela. Waqt li hemm prodotti li huma degradabbli, hemm oħrajn li mhumiex u li minnhom jista' joħroġ materjal **<u>tossiku</u>**. Irridu noqogħdu attenti li ma neqirdux **<u>il-flora u fauna</u>** ta' pajjiżna.

1. ______________________________________________
2. ______________________________________________
3. ______________________________________________
4. ______________________________________________
5. ______________________________________________

**(2x5=10 marki)**

## D. <u>Aqra u wieġeb.</u>

Bħala ħlejqiet soċjali aħna interdipendenti għax inħossu l-bżonn li nibnu relazzjonijiet ma' dawk ta' madwarna. Hemm żewġ tipi ta' relazzjonijiet. Hemm **<u>relazzjonijiet emozzjonali</u>** li għandhom valur emottiv għax il-bniedem iħoss: bħall-imħabba, ħbiberija u rispett. Imbagħad hemm **<u>relazzjonijiet funzjonali</u>**, għax jaqdu funzjoni bħal meta titla' fuq tal-linja u tħallas, jew tmur tixtri għand tal-ħanut. Kull darba qed nikkomunikaw ma' l-oħrajn. U hawn jidħlu l-valuri, dawk ir-regoli ta' kif inġibu ruħna fis-soċjeta'. Qegħdin nuru rispett, ngħinu u nobdu l-liġijiet? Dawn il-valuri tgħallimnihom mill-familja permezz tas-soċjalizzazzjoni primarja; imbagħad saħħaħnihom permezz tas-soċjalizzazzjoni sekondarja, tagħlim li nieħdu mingħand l-oħrajn l-aktar mill-iskola.

1. Għaliex aħna l-bnedmin nissejħu individwi soċjali?

______________________________________________

______________________________________________ (2)

2. Xi bżonn inħossu meta ngħixu f'soċjeta'?

______________________________________________

______________________________________________ (2)

3. X'jiġifieri 'nibnu relazzjonijiet'?

______________________________________________

______________________________________________ (2)

4. Spjega liema huma ż-żewġ tipi ta' relazzjonijiet.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ (4)

5. Semmi **tliet** eżempji ta' valuri soċjali li hemm bżonn li jkollna bejnietna.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ (6)

6. X'differenza hemm bejn soċjalizzazzjoni primarja u dik sekondarja.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (4)

**Total 20 marka**

**E.** L-ambjent kulturali huwa mibni fuq erba' fatturi ewlenin. Dawn huma l-lingwa, drawwiet, teknoloġija u valuri.

1. Semmi żewġ lingwi minn fejn ħadna xi kliem bil-Malti.

_______________________ _______________________

2. Semmi żewġ drawwiet li ħadna mingħand missirijietna.

_______________________ _______________________

3. Semmi żewġ mezzi ta' teknoloġija li nużaw ta' kuljum.

_______________________ _______________________

4. Semmi żewġ valuri li permezz tagħhom ngħixu flimkien fl-ordni.

_______________________ _______________________

5. Semmi żewġ gruppi soċjali li inti tagħmel parti minnhom.

_______________________ _______________________

**(2x5=10 marki)**

**F. a.** L-ogħla liġi ta' pajjiżna hija l-kostituzzjoni li fiha hemm imniżżlin id-drittijiet tagħna l-Maltin u kif għandu jitmexxa pajjiżna. Għalhekk hemm bżonn ta' mexxejja f'kull qasam tal-ħajja. Min u x'responsabbilta' għandu/ha min imexxi?

1. fil-familja: _______________________________________________

_______________________________________________

2. fl-iskola: _______________________________________________

_______________________________________________

3. fil-gvern: _______________________________________________

_______________________________________________

4. fil-belt jew raħal: _______________________________________________

_______________________________________________

5. fil-knisja: _______________________________________________

_______________________________________________

**(1x5=5 marki)**

**b. Semmi żewġ drittijiet li tagħtina l-kostituzzjoni ta' Malta u d-dmirijiet li huma marbutin magħhom.**

| **DRITT** | **DMIR** |
|---|---|
| a. _______________________ | _______________________ |
| b _______________________ | _______________________ |

**(5 marki)**

**Ġ.** Fuq il-mezzi tax-xandir ta' sikwit nisimgħu dwar ġrajjiet li jġibu fina xi ħsibijiet u emozzjonijiet għal dak li qed naraw. Ħares lejn dawn iż-żewġ stampi u ikteb madwar 30 kelma biex tfisser l-messaġġ li jagħtu.





**(2x5=10 marki)**

## G. Ikteb madwar 100 kelma fuq WIEĦED minn dawn.

1. Ilkoll kemm aħna ngħixu u nagħmluha ma' gruppi ta' nies li jinfluwenzawna. Semmi **tnejn** minnhom u għid kif jinfluwenzawk f'ħajtek.

2. Pajjiżna jonfoq ħafna flus fuq l-edukazzjoni għax jara l-valur tagħha. Spjega kif l-edukazzjoni tgħinek matul il-ħajja.

3. il-parteċipazzjoni fil-ħajja tas-soċjeta' hija dritt taċ-ċittadin. Iddiskuti.

4. Permezz tas-sistema demokratika lkoll nieħdu sehem fit-tmexxija ta' pajjiżna. Kif isir dan?

5. Kif inbidlet is-soċjeta' Maltija? Semmi żewġ bidliet fid-dinja li ħallew l-influwenza tagħhom fuq Malta u fissirhom.

6. Iddeskrivi xi proġett jew ħarġa kulturali li għamilt ma' sħabek fl-iskola.

**(20 marka)**